# Il-Madonna fil-festi Maltin u Għawdxin



Minn
Kanonku Dun
Nikol Vella Apap

## IL-QEDEM TAL-FESTI

F'Malta u Għawdex il-Madonna għandha qima kbira. Żewġ gżejjer żgħar li ilhom iqimu lill-Madonna minn mijiet ta' snin ilu. Il-Madonna għandha kalendarju sħiħ ta' festi matulek ja sena. Festi fix-xitwa u festi fis-sajf.

Il-festi lejn il-Madonna f'Malta u Għawdex ma tweldux il-bieraħ. Ħafna minnhom huma qodma bis-sħieħ. Biżżejjed wieħed jifli l-Visti Pastorali lill-knejjes kollha tagħna u fihom isib kif dari kienet tiġi ċċelebrata l-festa Maltija u Għawdxija.

Missirijiet ta' dari kellhom ideat oħra dwar il-festi. Veru wkoll kif kienu jgħidu r-Rumani : "li ż-żmenijiet jitbiddlu u aħna magħhom". Ġara li l-festa mal-medda taż-żmien kompliet tikber sa kemm ġiet forsi f'postha fiż-żmenijiet tagħna.

Missirijietna ta' dari kellhom ħafna għal qalbhom il-qima lejn il-Madonna. Dan il-fattur jidher mill-għadd ta' knejjes li huma ddedikati lill-Madonna. Ħafna minnhom komplew jiżdiedu mal-medda taż-żmenijiet. Ħafna mill-knejjes antiki għadhom jeżistu sa żmienna. Tassew li għaddew mijiet ta' snin sa qabel il-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta u Għawdex; dawn għadhom ħajjin xhieda tal-fidi tal-poplu tagħna.

Dari l-festi kienu iktar ikkonċentrati fuq il-funzjonijiet tal-knisja. Hekk li twaqqfu legati tal-quddies u għosrien biex isiru lejlijet u nhar il-festa. Barra minn dan ħallew legati biex nhar il-festa jitqassam il-ħobż lil fqar. Ta' min ikun jaf li dari l-faqar kien mifrux ma' Malta u Għawdex.

## ZVILUPP TAL-FESTI MARJANI

Il-festi prinċipali tal-Madonna f'Malta u Għawdex kienu : ta' l-Assunzjoni, tal-Lunzjata; tat-Twelid, u tal-Konċipiment tal-Madonna. Meta daħlu l-Ordnijiet Reliġjużi f'Malta u f'Għawdex għażlu lill-Madonna taħt titli differenti u daħħluha fil-kalendarju annwali tagħhom. F'dan l-aħħar seklu u nofs fil-gżejjer tagħna daħħlu l-festi lejn il-Madonna ta' Lourdes u ta' Fatima. Difatti f'Malta nsibu żewġ Parroċċi tal-Madonna ta' Lourdes u oħra lill-Madonna ta' Fatima. F'Għawdex ukoll dan il-kult lejn il-Madonna taħt dawn iż-żewġ titli tferrex fil-knejjes tagħna. Maż-żmien l-għosrien u l-quddiesa ta' nhar il-festa ħadu xejra aktar solenni u b'riħet hekk lejlijet u nhar il-festa bdiet tieħu sehem l-orkestra. Dwar il-funzjonijiet bil-mużika hemm ħafna x'wieħed jikteb fit-tul.

Devozzjoni lejn il-Madonna mxerrda ma' Malta u Għawdex hija dik tad-Duluri li ssir ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira.

## IL-FESTI LLUM

Il-festi tal-lum ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-festi ta' dari. Il-lum il-festi kibru kemm dawk ta' ġewwa kif ukoll dawk ta' barra.

Il-festi lejn il-Madonna f'Malta u Għawdex jinħassu ħafna. Dan jidher mill-għadd ta' Parroċċi u knejjes li hawn f'Malta u Għawdex. Il-

Kummissjoni Festa
Madonna tar-Rużarju ta' Fatima
Gwardamanġa

# Il-Madonna fil-festi Maltin u Ghawdxin

Madonna tgawdi popolarità fil-festi Maltin u Għawdxin. Fil-festi hemm Parroċċi li jonfqu eluf ta' liri fil-festa ta' barra fin-nar, baned, dwal, u armar. Tkun tassew ħasra li lill-festi nagħtuhom biss xejra ta' folklor. Veru li t-turisti jitgħaxxqu bil-knejjes tagħna armati sa snienhom, u bin-nar ta' l-art u ta' l-ajru, bil-baned, u triqat armati u mżejna. Imma l-għan ewlieni tal-Knisja li torganizza l-festi huwa biex l-insara jersqu lejn is-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin mqaddes nhar il-festa. Il-Madonna u l-Qaddisin dan l-ewwel li jixtiequ minn għand il-poplu ta' Malta u Għawdex. Dan huwa l-essenzjal tal-festa.

Min tassew iħobb lill-Madonna u l-Qaddisin jisma' mill-leħen tal-Knisja u jieħu sehem attiv fil-funzjonijiet ta' ġewwa l-knisja billi jisma' u jagħmel dak li tixtieq l-Omm tagħna tas-sema Marija.




**TOMBOLA**

Organiżżata mill-
**Kummissjoni Festa**
kull raba' Ħadd tax-xahar

*Ejja int ukoll u għin il-Festa*

Persian LIMITED

Suppliers and installers of all types of Soffits, Gypsum, Board Works, Partitions, Bulk Heads, Wall Lining & Coving.
Services of Qualified & Experienced Interior Designers.

Anthony Persiano
Managing Director
Persian Limited
Block C1, Flat 6, Housing Estate, Pietà
Tel. 232652, 0949 4694 • 232652